**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 332/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Francis Bonnici**

iben Joseph, imwieled Pieta’, fis-6 ta’ Gunju, 1965, detentur tal-karta tal-identita’ numru 301865(M)

Illum, 10 ta’ Jannar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Francis Bonnici quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xhur ta' April 2004 sa April 2016 naqas li jaghti lil Chiara Peresso is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fiI-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax- il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta’ Gunju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u llilberatu

li ma jikkomettix reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, in oltre ordnat lill-akkuzat ihallas is-somma ta' hames mitt euro (€500) fi zmien xahar skont l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Francis Bonnici minnu pprezentat fit-22 ta' Gunju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jghogobha thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqha dik ta` tlett xhur prigunerija u minflok ma ssibx lill-imputat hati ta din l-akkuza u tilliberah minnu.

Rat l-aggravji kollha tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fil-mori tal-appell jirrizulta illi l-partijiet lahhqu ftehmu dwar il-modalita' tal-hlas tal-manteniment li ghadu dovut f'din l-akkuza.

Dan jirrizulta mill-kuntratt esebit datat 3 ta' Mejju, 2019 debitament awtorizzat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Illi dan maghdud l-akkuza xorta wahda tirrizulta ppruvata ghalkemm hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tirriforma  s-sentenza appellata, filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-appellant ghar-reat lilu addebitat, tghaddi biex tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef